MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 690/2003

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Central Asphalt Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u wiehed liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm201.68), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat minnhom ikkagunati lill-proprjeta` tal-istess socjeta` attrici waqt xogholijiet f'Misrah San Pawl, San Pawl Tat-Targa, fl-2002, skond invoice mibghut lilhom bin-numru 10669 (GT1/2002/8), kopja tieghu annessa mal-avviz u markata Dok.A, u dan peress illi ghall-hsarat kienet responsabbli l-istess socjeta` konvenuta;**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**

**Bl-ispejjez tal-avviz u tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fit-28 ta' April, 2003, fejn gie eccepit :**
**i. priliminarjament n-nullita tal-avviz stante illi ma hemmx talba ghal kundanna tar-responsabilita` ghall-hsarat allegatament sofferti mis-socjeta` attrici ;**
**ii. fit-tieni lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hsarat ma gewx kagunati tort ta' xi nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta, izda ghal kuntrarju, minhabba nuqqasijiet da parti tas-socjeta` attrici ;**
**iii. fit-tielet lok ukoll minghajr pregudizzju, illi l-ammont pretiz huwa esagerat u mhux gustifikat ;**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici u b'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-ewwel eccezzjoni li tirrigwarda n-nullita ta' l-avviz giet sorvolata billi saret l-opportuna korrezzjoni.**
**2. Dwar il-punt ta' responsabilita` s-socjeta` attrici ressqet biss bhala provi lil Dr. Ingrid Zammit Young li esebiet d-dokumentazzjoni relativa.**
**3. Jirrizulta mid-Dok.B li l-kuntrattur kien Joseph Cauchi ghan-nom ta' Central Asphalt Ltd.. Skond ir-rapport tal-Pulizija, Dok.E, l-hsara grat fil-11 ta' Frar, 2002, f'Misrah San Pawl, Naxxar, San Pawl tat-Targa. Skond l-istess rapport is-Surgent PS 1043 Pace li mar fuq il-post sab lil certu Kevin Debono jahdem bil-hymac, li ammetta li waqt li qed jaghmel xoghol ifittex il-main ta' l-ilma, laqghat cable tat-telefon li ma kienx mmarkat, u li kien imqieghed ezatt taht il-wicc tat-triq.**
**4. It-Tribunal jinnota li min jallega jrid jipprova. L-onru tal-prova dwar id-danni f'dan il-kaz kien jinkombi lis-socjeta` attrici. Mix-xhieda dawn id-danni jirrizultaw, pero` ma jirrizultax pruvat li kien hemm xi**

**negligenza da parti tas-socjeta` konvenuta ghal liema ghandha tigi ritenuta responsabbli. Ir-rapport tal-pulizija, jitfa dubbju serji dwar il-punt ta' responsabilita` in kwantu qed jigu nnotati zewg fatturi mill-persuna li kien qed jahdem hemm, cioe` fl-ewwel lok li ma kien hemm marki li jindikaw li kien hemm cable, fit-tieni lok li l-cable kien fil-wicc. Ghal dawn ma ingiebet ebda prova kuntrarja. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta tista' tigi ritenuta responsabbli ghad-danni li sehhu.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, it-Tribunal qed jichad it-talba, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------